MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' April, 2004

Talba Numru. 1218/2003

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Michael Tabone**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Gunju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm336.38) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut in konnessjoni ma' mobile phones bin-numri 99444560 u 99241566;**

**Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz u bl-interessi**

**kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.**

**Ra l-kapitolu prezentat fl-20 ta' April 2004 mis-socjeta` attrici, ghas-subizzjoni tal-konvenut, li baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta.**

**Ghaldaqstant fil-kontumacja tal-konvenut, peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u sitta u tletin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm336.38), bl-imghax legali mid-19 ta' Gunju, 2003 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------